# QORTI ĊIVILI
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 22 ta' Marzu 2018**

RikorsĠ uramentat Nru.  192 / 16RGM

Kawza fil-lista:  18

**F T K P D**
**vs**
**R K P G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi r-rikorrenti iltaqghet ma' l-intimat u bdew relazzjoni li eventwalment wasslet ghal zwieg civili u minn dan iz-zwieg kellhom tifel jismu W li twieled fis-6 ta' Jannar 2011.

Illi llum il-partijiet inghataw il-hall taz-zwieg.

Illi l-intimat ilu ma jara lit-tifel ghal zmien twil, ossia l'fuq minn erbgha snin;

Illi l-intimat mhux qed jaghti manteniment lir-rikorrenti li ghandha l-piz finanzjarju kollu fuqha;

Illi l-intimata(recte: r-rikorrenti) trid tiehu decizjonijiet importanti li jirrigwardjaw il-hajja tal-minuri u huwa essenzjali li jkollha l-kura u kustodja tal-minuri, anke pendente lite;

Jghid ghalhekk l-intimat, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi billi:

1. Takkorda b'mod definittiv lir-rikorrenti l-kura u kustodja tat-tifel minuri hawn fuq imsemmija;

Bl-ispejjez inkluz l-ittra ufficjali u l-mandat ta' inibizzjoni, kif ukoll l-imghax kontra l-intimat, li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat r-riferti tat-13 ta' Gunju 2017 u l-estratt tal-gazzetta anness ma' nota tat-8 ta' Novembru, b'konferma li l-konvenut gie notifikat bl-affissjoni u l-pubblikazzjoni;

Rat d-digriet ta' din il-Qorti moghti 'seduta stante' fit-8 ta' Novembru 2017 fejn l-attrici nghatat d-dritt, 'pendente lite', li tezercita wahidha l-kura u l-kustodja u s-setgha ta' genitur fuq il-minuri W inkluz li wahidha tiffirma ghal dak kollu li jirrigarda il-minuri b'mod partikolari l-edukazzjoni u sahha;

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma' nota ipprezentata fis-7 ta' Frar 2018;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-14 ta' Frar 2018 meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

IL-PROVI.

L-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fis-7 ta' Frar 2018,[1] iddikjarat li ltaqghet mal-konvenut f'Marzu 2007 meta kienet tahdem mal-Emirates Airlines. Wara sena ddecidew li jibdew jghixu flimkien, kellhom relazzjoni tajba ghalkemm wara rrealizzat li l-konvenut kien dominanti u possessiv. Huma zzewwgu fl-10 ta' Lulju 2010.

Kien qed ikollhom argumenti kull jum li skont l-attrici kienu qed jirrovinaw r-relazzjoni taghhom apparti l-abbuz emozjonali. Iddecidew li jmorru vaganza ta' ftit granet fit-Tajandja u l-attrici kienet qed tispera li jsolvu l-problemi li kellhom.

Meta rritornaw fid-Dubai skopriet li kienet tqila, pero' meta qalet lill-konvenut dan ma kienx kuntent bl-ahbar. Il-konvenut riedha taghmel abort u qalilha li ma riedx jkun missier u ma riedx responsabiltajiet. Waqt t-tqala barra minn l-abbuz emozjonali beda l-abbuz fiziku.

---

[1] Fol 24.

It-tifel W twieled fis-6 ta' Jannar 2011 u l-attrici kienet qed tispera li bit-twelied tat-tifel s-sitwazzjoni bejniethom tmur ghall-ahjar izda marret ghall-aghar.
Kien hemm okkazjoni meta hargu mal-hbieb wara nofs in-nhar u l-attrici riedet tirritorna d-dar kmieni billi t-tifel kellu biss tlett xhur. Kellhom argument, il-konvenut tilef il-kontroll, u aggrediha fizikament u qalghet d-daqqiet biex tipprotegi lit-tifel.

Hi ma riditx trabbi lil binha f'dak l-ambjent u ghalhekk iddecidiet li titilqu.

Hi riedet tirritorna Malta fejn ghandha l-familja taghha. Il-konvenut accetta li jaghmel xi granet f'Malta u jsiefer meta jkun xoghol. Il-konvenut qatt ma kkontribwixxa xejn ghall-ispejjez tat-tifel u din kienet raguni ohra ghaliex l-attrici riedet tigi Malta billi barra minn Malta ma kellha l-ebda ghajnuna.

L-ahhar li kellmet lil zewgha kien fis-17 ta' Dicembru 2011. F'dak iz-zmien il-konvenut kien f'Malta pero' minn dik n-nhar ma tafx x'sar minnu.

Hi dejjem hadet hsieb ghall-htigijiet kollha tat-tifel mit-twelied sallum. Ir-ragel qatt ma' rega' kkomunika maghha, qatt ma baghat kartolina tal-Milied jew ghal-birthday tat-tifel. Kien ghalhekk li ddecidiet li tipprocedi b'din il-kawza biex ikollha l-kura u kustodja eskluziva tat-tifel.

Hi ghandha xoghol full-time, hi 'single mother' u thallas l-ispejjes kollha tat-tifel. Dawn jikkonsistu fis-segwenti:

€100 fix-xahar ghall-club 3-16 fejn jattendi l-minuri.
€100 fix-xahar ghal spejjez ta' sport inkluz il-hockey.
€30 fix-xahar spejjez tal-iskola.
€150 uniformi tal-iskola.
€50 stationery.

Thallaslu ukoll l-ispejjez kollha ta' ikel u medicini.

L-attrici ma pproducitx provi ohra oltre l-affidavit taghha. Il-konvenut, li gie notifikat bl-affissjoni u pubblikazjoni,baqa' kontumaci.

KONSIDERAZZJONIJIET.

Il-partijiet ltaqghu f'Marzu 2007, u wara sena bdew jghixu flimkien, zzewwgu fl-10 ta' Lulju 2010 u fis-6 ta' Jannar 2011 twieled binhom W. Skont l-attrici l-konvenut riedha taghmel abort u sofriet abbuz emozzjonali u fiziku. L-ahhar li kkomunikat mal-konvenut kien fis-17 ta' Dicembru 2011 cioe' meta t-tifel kien ser jaghlaq sena. Hi qatt ma regghet b'xi mod ikkomunikat mal-konvenut, li la qatt ha interess fit-tifel u wisq anqas ikkontribwixxa b'xi mod ghall-manteniment tieghu. L-attrici ghandha impieg 'full time' u rabbiet lill-binha wahedha. It-tifel illum ghandu 7 snin, jattendi l-iskola u jippartecipa f'diversi attivitajiet extra-kurrikulari.

L-attrici pprocediet b'din il-kawza biex fl-ahjar interess tal-istess minuri, stante l-abbandun ta' missieru, tinghata l-kura u kustodja eskluziva ta' binha l-minuri W.

B'digriet tat-8 ta' Novembru 2017 din il-Qorti ordnat li 'pendente lite' l-attrici ghandha tezercita wahidha l-kura u kustodja u s-setgha ta' genitur fuq il-minuri W, inkluz li tiffirma wahidha ghal dak kollu li jirrigwarda l-minuri b'mod partikolari l-edukazzjoni u sahha.

F'cirkostanzi normali fejn kopja jrabbu lill-binhom f'ambjent seren, iz-zewg genituri ghandhom rwol importanti fit-trobbija tal-minuri. Hu naturali li tifel iffittex kemm l-imhabba tal-omm kif ukoll dik tal-missier.. Fil-kaz in ezami rrizulta li l-missier abbanduna permanentement lill-minuri meta dan l-anqas kien ghadu ghalaq sena.

F'dawn ic-cirkostanzi l-omm tista' ssib ruhha f'sitwazzjoni difficli, bhal xi decizjoni immedjata ghal xi intervent kirurgiku fuq t-tifel, fejn ikun rikjest ukoll il-kunsens u l-awtorizazzjoni tal-missier li l-attrici ma tafx fejn jinstab. F'dawn ic-cirkostanzi partikolari, tali awtorizazzjoni tal-missier hi prattikament impossibbli billi, l-attrici, l-ahhar li kkomunikat mieghu kien kien fis-17 ta' Dicembru 2011, u min dakinhar qatt ma tkellmet mieghu u ma tafx fejn qed jghix fil-prezent.

Anke fil-kaz ta' xi vjagg edukattiv mal-iskola jkun rikjest il-kunsens tal-missier. L-istess jista' jinghad fejn tkun mehtiega l-firma tal-missier fir-rigward ta' hrug ta' passaport u safar tal-minuri.

L-attrici qed titlob li tinghata l-kura u kustodja esklussiva fuq it-tifel. Il-Qorti qed tifhem illi l-attrici mhiex qed titlob biss li l-minuri jirrisjedi esklussivament maghha izda li l-omm ikollha wkoll l-awtorita' ta' genitur esklussiv fur it-tifel.

Ghalkemm din odjerna ma hiex kawza ta' firda, il-provvedimenti legali segwenti huma rilevanti u applikabbli.

**Artikolu 56 tal-Kap.16** illi jipprovdi kif gej:-

(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna wkoll lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid tal-ulied.

(2) Il-qorti tista', jekk tqis li dawk il-miżuri jkunu tassew meħtieġa, u wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqiegħdu taħt fil-kustodja ta' persuni in loco parentis , ta' terzi, jew f'xort'oħra ta' kura.

(3) Il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, għalkemm fl-azzjoni għaliha ma tkun saret ebda talba, dwar il- kustodja tal-ulied.

(4) Il-qorti tista', f'kull żmien, tirrevoka jew tibdel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu
.
(5) Il-qorti tista' barra dan, meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tistabbilixxi li xi ħadd mill-ġenituri jew it-tnejn ikunu miċħuda mill-jeddijiet tal-awtorità tal-ġenituri għal kollox jew f'parti.

**Artikolu 56A.**

" Il-qorti tista', għal raġunijiet gravi, f'kull żmien f'kawża ta' firda, jew meta l-partijiet ikunu mifrudin, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tiddikjara li l-parti l-oħra ma tkunx tajba biex ikollha l-kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet, u fejn il-qorti tagħmel dikjarazzjoni bħal din, il-parti hekk iddikjarata ma tkunx tista', mal-mewt tal-parti l-oħra, tieħu l-kustodja tal-ulied minuri, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qort"

**L-artikolu 149 tal-Kapitolu 16 jipprovdi illi:**

"B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, il-Qorti tista', jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordijiet dwar il-persuna jew il-propjeta' ta' persuna li tkun taht l-eta' kif jidrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel".

Fil-kawza fl-ismijiet **"Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014, il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti li taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Mario Darmanin vs Annalise Cassar"** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 ntqal li:

"…..meta tigi biex tiddecidi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-meriti u demeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss dwar x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".

Il-Qorti, wara li ezaminat ic-cirkostanzi partikolari kollha ta' dan il-kaz, b'mod partikolari li l-missier abbanduna lill-minuri b'mod assolut, tiddikjara li jezistu l-estremi sabiex iccahhad lill-missier mill-awtorita' ta' genitur sabiex tali awtorita' tigi ezercitata esklussivament mill-omm.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din l-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa’ t-talba tal-attrici;

1. Tordna li l-attrici tezercieta wahedha u b'mod esklussiv l-awtorita’ ta’ genitur u l-kura u kustodja fuq binha minuri W.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**